MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 10/2020 LM

**Maurice Cassar (K.I. 270861M)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Juris Klavins (K.I. 28001A)**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut, hawnhekk "l-appellant", **Juris Klavins** (K.I. 28001A), mis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Frar, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") mit-Tribunal Industrijali (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi t-

terminazzjoni tal-impjieg tal-attur **Maurice Cassar**, hawnhekk "l-appellat", kienet waħda inġusta u bi ksur tal-liġi, u konsegwentement ordna lill-konvenut iħallas kumpens ta' erbat elef u sebgħin Euro (€4,070) lill-attur.

**Fatti**

2. L-attur istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali li permezz tagħhom talab lit-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mal-konvenut ma kinitx valida *ai termini* tal-liġi, u għalhekk talab li jingħata kumpens ġust. L-attur kien impjegat bħala *labourer* fuq bażi *full-time* mal-konvenut għal numru ta' snin, u wara li bejn l-2014 u l-2015 huwa ngħata tliet twissijiet bil-miktub minħabba nuqqasijiet fil-prestazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol, huwa ġie mkeċċi. L-attur sostna li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet inġusta peress li ma saritx għal raġuni tajba, u ma ġewx rispettati l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

**Mertu**

3. Fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, l-attur insista li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg li kellu mal-konvenut kienet waħda inġusta u għalhekk invalida. L-attur kien impjegat mal-konvenut fuq bażi *full-time* għal perijodu ta' aktar minn sitt snin, li matulhom għamel diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni ġewwa l-Isptar Mater Dei u fi stabbilimenti privati. L-attur jgħid li huwa mhux bniedem tas-sengħa u għalhekk ma setax ikun mistenni li jagħmel xogħol ta' tqegħid ta'

madum, mogħdija tad-dawl u xogħol ieħor li għalih persuna jrid ikollha ħiliet speċifiċi.

4. Min-naħa tiegħu l-konvenut sostna li l-attur naqas minn dmirijietu b'mod persistenti fuq medda ta' xhur, u minkejja li ġie mwissi verbalment u anki bil-miktub diversi drabi, l-attur ippersista fl-aġir tiegħu u ma kien hemm l-ebda titjib fl-imġiba tiegħu. Qal ukoll li l-attur kien ħati ta' insubordinazzjoni, xi ħaġa li serviet ta' eżempju ħażin għall-ħaddiema l-oħra tal-konvenut, u kien għalhekk li huwa kien kostrett jittermina l-impjieg tal-attur. Fost l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut quddiem it-Tribunal, dan sostna li l-attur naqas milli jfisser x'rimedju qiegħed ifittex, kif ukoll li mhux minnu li t-tkeċċija tal-attur ma saritx għal raġuni tajba u li għalhekk hija inġusta kif qiegħed jallega l-attur.

## Fatti u riżultanzi

5. It-Tribunal kellu għad-dispożizzjoni tiegħu diversi provi, fosthom l-erba' ittri ta' twissija mibgħuta mill-konvenut, bid-dati tat-3 ta' Jannar, 2014, is-6 ta' Frar, 2014, il-11 ta' Novembru, 2015 u l-24 ta' Novembru, 2015, fejn kull darba l-attur ġie mwissi minħabba "*underperformance*". Fix-xhieda li nstemgħet quddiem it-Tribunal, xehdu diversi persuni li kienu jaħdmu wkoll mal-konvenut, fosthom **Janis Sturans,** li qal li huwa kien jaħdem bħala *foreman* mal-attur, u qal li l-kwalità tax-xogħol li kien jagħmel l-attur ma kinitx tajba, u diversi drabi huwa kien jispiċċa jagħmel ix-xogħol warajh minħabba li x-xogħol

li kien jagħmel l-attur ma kienx ikun aċċettabbli. Qal li meta l-attur kien jieħu xi kejl ħażin, dan kien ifisser telf ta' ħin għalih, u kien hemm drabi fejn madum tqiegħed ħażin u fejn xi bibien ġew installati ħażin, b'mod li dawn kellhom jiġu rranġati minn ħaddieħor wara. Dan ix-xhud qal li minkejja li l-attur ingħata diversi twissijiet, dan baqa' jagħmel l-istess żbalji, li kien ifisser telf ta' ħin u ħela ta' materjal. Dan ix-xhud ikkonferma li kien għalhekk li l-'*boss*' beda joħroġ diversi twissijiet fil-konfront tal-attur. F'udjenza separata quddiem it-Tribunal, dan ix-xhud qal li, *"he was not capable to do the skilled tradesman job, he was mostly doing helper job",* u qal li hu min-naħa tiegħu ma kienx jagħti xogħol li kien jinvolvi ħiliet partikolari lill-attur minħabba li kien induna li dan ma kienx tas-sengħa. Dan ix-xhud qal li l-ħaddiema l-ġodda li bdew imorru jaħdmu mal-konvenut bdew jittieħdu mill-eżempju tal-attur.

Xhud ieħor, **Bogdan Tomenchuk** qal li huwa kien jaħdem mal-attur għal diversi snin, u x-xogħol li kienu jintalbu jagħmlu kien jinkludi *"finishing works, construction works, painting, gypsum, tiling ...".* Dan ix-xhud allega li l-attur kellu diversi membri tal-familja jaħdmu l-isptar u dan ġieli kien imur jiltaqa' magħhom waqt il-ħin tax-xogħol biex jiskarta. Qal ukoll li kien hemm drabi fejn huwa ilmenta mal-konvenut minħabba fil-kwalità tax-xogħol tal-attur, u minkejja li kull darba li huma tkellmu mal-attur dan kien iwiegħed li ser jitranġa f'xogħlu, dan dejjem baqa' jagħmel l-istess żbalji.

Il-konvenut, **Juris Klavins**, xehed li l-attur dam impjegat miegħu għal madwar seba' snin, u tul dawn is-snin l-attur kien jintalab jagħmel xogħol ta' manutenzjoni partikolarment fl-Isptar Mater Dei. Qal li l-kwalità tax-xogħol tal-

attur bdiet sejra ħafna lura meta l-konvenut sar sub-appaltatur tal-kumpannija Mekanika u sostna li dan kien minħabba li l-attur ried imur jaħdem mal-kuntrattur direttament. Il-konvenut qal li huwa kien jiġbed l-attenzjoni tal-attur għax kien hemm drabi meta dan inqabad jiskarta minn fuq ix-xogħol, u meta ra li l-attur ma kienx kapaċi jagħmel ċertu xogħol li kien jagħtih, beda jassenjalu xogħol aktar ħafif. Qal li huwa kien kostrett jagħti lill-attur twissijiet bil-miktub meta ra li t-twissijiet verbali ma kienu jiswew għalxejn. Żied jgħid li kien hemm żmien meta d-diriġenti ta' Mekanika ġibdu l-attenzjoni tiegħu dwar il-kwalità tax-xogħol tal-attur, u kien għalhekk li huwa talab lill-attur jibda jmur jaħdem fi stabbilimenti privati. Il-konvenut qal li kien hemm drabi meta l-attur beda jirrifjuta x-xogħol u jgħid li ma kienx jiflaħ jaħdem, u xi drabi kien jispiċċa jagħmel ix-xogħol hu minflok l-attur. Il-konvenut qal li huwa dejjem kien jitlob lill-attur jagħmel xogħol li ma jinvolvix ħafna tbatija. Fil-kontroeżami li sar lill-konvenut, dan qal li l-attur u l-ħaddiema l-oħra kellhom id-drittijiet sħaħ li tipprovdi għalihom il-liġi, bħal *leave, sick leave,* ħlas ta' *bonuses,* u ħlas għas-sahra. Qal ukoll li wara li ta għadd ta' twissijiet lill-attur, stenna li jara titjib fil-prestazzjoni tiegħu, imma dan ma seħħx u kien għalhekk li l-attur safa mkeċċi mill-impjieg.

Xhud ieħor, **Andrew Zahra**, *accountant* tal-konvenut, qal li kien hu li jikteb it-twissijiet li kienu jingħataw lill-attur bil-miktub, u minkejja li l-attur beda jingħata t-twissijiet, it-titjib mistenni fil-prestazzjoni tiegħu baqa' ma seħħx. Qal ukoll li l-attur ma tkeċċiex mill-ewwel wara li ngħata t-tielet twissija. Qal li kellu dubju dwar kemm l-attur kien jifhem is-serjetà tat-twissijiet li kien

qiegħed jingħata, u qal li l-mod kif dan kien jibqa' jippersisti fl-aġir tiegħu minkejja t-twissijiet li kien jingħata, kien juri element ta' "sfida".

L-attur **Maurice Cassar** fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa beda jaħdem mal-konvenut bħala *handyman* fl-2009 sabiex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni, u diversi drabi l-konvenut kien iqabbdu xogħol li mhux tas-sengħa tiegħu. Qal li huwa kien konxju minn diversi inġustizzji fuq il-post tax-xogħol, fosthom il-fatt li s-sahra kienet titħallas bir-rata ta' siegħa għal kull siegħa, u li ma kienx isir ħlas għall-għoli tal-ħajja. L-attur qal li kien hemm drabi meta huwa tqabbad iwaħħal il-madum minkejja li m'għandux dis-sengħa u lanqas ma kien jingħata għodda tajba biex jaħdem, u minkejja l-istat ta' saħħtu kien hemm drabi fejn intalab jagħmel xogħol ta' strapazz li jinvolvi l-irfigħ ta' kaxxi tqal. L-attur qal li fl-aħħar il-konvenut għamel minn kollox biex ikeċċih. Fil-kontroeżami tiegħu l-attur qal li wħud min-nies li kien jintalab jaħdem magħhom ma kinux ikunu jafu jitkellmu bil-lingwa Ingliża. Allega li l-konvenut kien keċċieh għaliex hu kien l-uniku Malti u l-konvenut kellu jtih ċerti drittijiet li ma kinux jingħataw lill-ħaddiema barranin. Mart l-attur Marcelle Cassar, fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija kienet taħdem bħala *carer* fl-Isptar Mater Dei fuq bażi *part-time,* u b'kollox kienet taħdem madwar sitt ijiem fix-xahar. Qalet li rari kienet tara lil żewġha fuq il-post tax-xogħol, u ftit qabel tkeċċa mix-xogħol l-attur kien qalilha li l-konvenut kien qiegħed jaqbad miegħu, u beda jilmenta li kien qiegħed jintbagħat jaħdem f'postijiet differenti, fejn ix-xogħol kien jinvolvi ħafna strapazz.

**Sandra Gatt**, Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi xehdet li kien hemm rapport fil-konfront tal-konvenut, u dan wassal għal investigazzjoni fuqu u biex ġew mitkellma diversi ħaddiema. Din ix-xhud qalet li nstabu xi irregolaritajiet, partikolarment fil-ħruġ tal-*payslips,* u diskrepanzi fil-mod kif titħallas is-sahra, għaliex xi ħaddiema kienu jitħallsu bir-rata ta' siegħa għal kull siegħa u ħaddiema oħra kienu jitħallsu bir-rata ta' siegħa u nofs għal kull siegħa ta' xogħol żejjed.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Frar, 2020, it-Tribunal Industrijali ddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi stabbilixxa li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet waħda inġusta, u konsegwenza ta' hekk iffissa l-ammont ta' erbat elef u sebgħin Euro (€4,070) bħala kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-appellant kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi. Dan għamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajma matul dan il-proċess, u dan kif ġew sponuti mix-xhieda prodotta mill-partijiet.*
>
> *Minn tali analiżi jidher illi l-esperjenza lavorattiva li tinkwadra dan il-każ u li kienet bejn Mejju 2009 u Novembru 2015 ċioe madwar sitt snin u nofs kellha l-ewwel snin tagħha mingħajr problemi sinifikanti sakemm f'Jannar 2014, l-appellant irċieva notifika uffiċjali illi minkejja d-diversi komunikazzjonijiet verbali sabiex ikun hemm titjib fil-prattiċi u l-effiċjenza f'xogħlu, il-prestazzjoni tiegħu baqgħet waħda mhix sodisfaċenti. F'din in-notifika l-appellant kien infurmat illi kaġun ta' din is-sitwazzjoni*

*huwa kien ser jibda jingħata twissijiet formali li eventwalment kienu ser iwasslu għal tkeċċija.*

*Fi Frar 2014 l-appellant ingħata l-ewwel* warning, *segwit minn ieħor 14-il xahar wara u ċioe fil-11 ta' Novembru, 2015. Iż-żewġ* warnings *kienu jindikaw* 'underperformance'. *Tlettax-il ġurnata wara fl-24 ta' Novembru, 2015, l-appellant ingħata t-tielet* warning *li kien jindika* 'failed to fulfill the appointed assignment' *u fl-istess jum ġie mitmum l-impjieg tiegħu. Ir-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg ittrattat f'dan il-każ ġiet reġistrata mill-Jobsplus bħala* 'Dismissed: Disciplinary Reasons'.

*L-appellant kien ġie ngaġġat mas-soċjetà intimata bħala* labourer *kif hemm inidkat fl-*employment history *tiegħu tal-Jobsplus u fejn anke fid-dokument (riferut bħala kuntratt tax-xogħol) ippreżentat bħala AC1, l-ingaġġ kien ġie reġistrat ukoll bħala* 'Labourer'.

*Janis Sturans, Foreman mas-soċjetà intimata xehed '...* on his tag there was written skilled tradesman, but he was not capable to do the skilled tradesman job, so he was doing helpers' job', *u jkompli li bħala xogħol kien jagħtih '...* sweeping floors, bringing material' *u dan għaliex fir-rigward ta'* 'plastering of walls, installing doors', *Sturans jgħid '...* the issues was quality of job, and time of procedure of the job, which he has failed a lot of times ...', '... No, those he failed in those jobs, that's why I was not giving them to him'.

*Mill-analiżi tax-xhieda ta' Juris Klavins Direttur tas-soċjetà intimata, wieħed malajr jittendi li huwa ma kienx kuntent bil-ħiliet tal-appellant tant li fix-xhieda tiegħu jgħid illi '...* you are a waste of time for me because I have to do this job instead of you. I mean, I do not need a worker, if I pay him ...', 'I am not happy with the service you give me.'

*Minn l-istess analiżi ta' dan il-każ jidher b'mod ċar li l-aspettattivi ta' min impjega lill-appellant kienu ferm ogħla mill-ħiliet li fil-fatt kellu l-appellant.*

*F'dan il-każ ittrattat u mill-fatti kif ġew esposti f'dan il-proċess ma ġiex indikat li għall-ewwel erba' snin tal-impjieg il-prestazzjoni ma kinitx aċċettabbli. Kien f'Jannar 2014 li t-twettiq tad-doveri min-naħa tal-appellant kienu bdew jiġu meqjusa li jeħtieġu li jkun hemm titjib fil-prattiċi u l-effiċjenza, u li 'prestazzjoni inferjuri' kienet ser tkun sanzjonata bi twissijiet formali li jwasslu għal tkeċċija.*

*Mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda f'dan il-proċess ma ġewx indikati dettalji tal-prattiċi tax-xogħol u l-livell tal-effiċjenza aċċettabbli li kien ġie mgħarraf bihom l-appellant appena kien ġie ngaġġat fl-impjieg tiegħu. Jidher ċar però li dak li ma kienx oġġezzjonabbli għal aktar minn erba' snin ma kienx ser jibqa' aċċettabbli iktar.*

*Anzi kien ser iwassal għal tkeċċija.*

*Matul il-proċess ma ġiex indikat lanqas li wara n-notifika ta' Jannar 2014, l-appellant ingħata xi taħriġ speċifiku sabiex il-ħiliet tiegħu u l-effiċjenza titjieb u dan speċifikament sabiex ikun żgurat li min-naħa tal-*employer *tah kull ċans sabiex il-ħidma lavorattiva tiegħu ma tibqax klassifikata bħala prestazzjoni inferjuri (*underperformance).

*Dan qed jingħad fid-dawl tal-ammonizzjoni li l-appellant ingħata f'Jannar 2014 minn Juris Klavins li '*start giving you formal warnings in writing as to your underperformance ... will be eventually lead to your eventual dismissal' *u* 'improvement form your end will leave me with no alternative but to proceed as stated above.'

*U proprju f'dan l-ambitu li dan it-Tribunal irid jiddeċiedi jekk ikunx ġust illi impjegat jiġi 'dixxiplinat' għaliex huwa ma jkunx wettaq doveri assenjati lilu għas-sodisfazzjon tal-*employer *ġialadarba ma jkollux il-ħiliet neċessarji li jwettaqhom.*

*It-Tribunal jistaqsi, x'tort għandu ħaddiem li jiġi mogħti doveri li ma jkollux il-ħiliet meħtieġa li jwettaqhom u sussegwentement ma jwettaqhomx tajjeb, meta min iħaddmu qatt ma jkun tah it-taħriġ neċessarju?*

*Li* employer *itemm impjieg ta' ħaddiem waqt il-*probation period *għaliex minkejja li jkun intgħażel ma jkunx issodisfa l-aspettattiva ta' min iħaddmu mhux biss tinftiehem iżda hija permissibbli fil-parametri tal-liġi. Però dan l-argument ma jkunx ġust illi jintuża wara snin li ħaddiem ikun ilu impjegat u di più matul dawn is-snin ma jkunx ġie pprovdut it-taħriġ neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-ħiliet mankanti.*

*F'dan il-każ ittrattat l-appellant kien ġie impjegat bħala* labourer *fejn ma kellu l-ebda kwalifika la li jkun* tile-layer *u lanqas* plasterer. *Jidher li meta ġie ngaġġat l-appellant saret għażla mhux tajba.* Culpa in eligendo.

*Dan it-Tribunal ma ġiex konvint li f'dan il-każ ittrattat il-livell ta' prestazzjoni mistenni mill-*Employer *ma ġiex milħuq mill-appellant b'xi intenzjoni malinna jew*

*b'mod frivolu u fejn allura seta' jkun klassifikat bħala att ta' negliġenza grossolana li wasslet għat-tkeċċija bħala dixxiplina.*

***Deċiżjoni***

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanti ma kinitx waħda ġusta. F'dan il-kuntest it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lill-appellanti fis-somma ta' €4,070, liema ammont irid jitħallas mis-soċjetà intimata fi żmien erba' ġimgħat minn din id-deċiżjoni.*

*Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## L-Appell

7. L-appellant appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' appell ippreżentat fis-17 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet imsemmija għar-raġunijiet esposti f'dan ir-rikors, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.*

*Bl-ispejjeż."*

8. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex fl-ewwel lok it-Tribunal Industrijali kien żbaljat meta applika l-kunċett ta' *culpa in eligendo* jiġifieri l-artikolu 1037 tal-Kap. 16 għall-każ odjern, kif ukoll għax it-Tribunal Industrijali kkwantifika l-kumpens dovut lill-appellat mingħajr ma kkunsidra l-elementi msemmija fl-artikolu 81(2) tal-Kap. 452.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat issottometta li l-appell imressaq mill-appellant huwa null stante li dan jagħmel riferiment għal deċiżjoni li ngħatat mit-Tribunal Industrijali fil-5 ta' Jannar, 2020, meta jirriżulta li d-deċiżjoni li ġie intavolat dan l-appell minnha ngħatat fil-5 ta' Frar, 2020. L-appellat jgħid li l-appell huwa irritu u null stante li mhux ibbażat fuq punt ta' liġi iżda fuq fatti determinati mit-Tribunal. Intqal li skont l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452, appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, u għalhekk din il-Qorti ma tistax teżamina l-fatti mill-ġdid. L-appellat żied jgħid li l-aggravji u r-raġunijiet mogħtija għall-aggravji dwar l-apprezzament tal-provi magħmula mit-Tribunal mhumiex sindakabbli minn din il-Qorti. Mingħajr preġudizzju għall-predett, l-appellat żied jgħid li minkejja li t-Tribunal isemmi l-*culpa in eligendo,* id-deċiżjoni finali tiegħu li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kienet inġusta ma ġietx meħuda billi ġew applikati l-elementi tal-*culpa in eligendo* għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Intqal li t-Tribunal wasal għal din id-deċiżjoni wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha prodotti, u fost il-konstatazzjonijiet li għamel innota li fl-ewwel snin tal-ħajja lavorattiva tal-appellat mal-appellant ma kienx hemm ilmenti dwar ix-xogħol tal-appellat. It-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li minkejja li l-appellat kien ġie impjegat bħala *labourer,* huwa kien jingħata xogħlijiet li kienu jirrikjedu sengħa speċifika, fosthom is-sengħa tat-tqegħid tal-madum, u t-Tribunal staqsa x'tort għandu l-ħaddiem li jingħata doveri li ma jkollux il-ħiliet meħtieġa għalihom,

jekk wara li jagħmel ix-xogħol mogħti lilu, dan ma jkunx skont is-sengħa u l-arti. L-appellat żied jgħid li t-Tribunal semma l-*culpa in eligendo* wara li l-appellant xehed li huwa kien kostrett ikeċċi lill-appellat minħabba fl-ilmenti ta' terzi, speċifikament mid-diriġenti tal-kumpannija Mekanika. L-appellat żied jgħid li ladarba kien l-appellant li ingaġġah u tah ix-xogħol, kellu jkun l-appellant li jerfa' r-responsabbilità u jwieġeb għall-allegati ilmenti ta' Mekanika. Kompla jgħid li meta min jagħti x-xogħol iqabbad ħaddiem mhux tas-sengħa sabiex jagħmel ix-xogħol, dan ma jistax ikeċċi lill-impjegat minħabba li x-xogħol ma jkunx sar skont is-sengħa u l-arti. L-appellat qal li l-appellant ma jistax min-naħa l-waħda jargumenta li huwa kien jiskarta f'xogħlu u jirrifjuta li jagħmel ix-xogħol assenjat lilu, u min-naħa l-oħra jallega li x-xogħol ipprestat minnu kien ta' kwalità ħażina jew li huwa kien idum biex ilesti x-xogħol mogħti lilu. Qal ukoll li l-uniku xogħol li jirriżulta li huwa rrifjuta li jagħmel kien it-tqandil tal-kaxxi tal-madum, peress li dan kien ta' detriment għal saħħtu.

Dwar il-komputazzjoni tal-kumpens li wasal għalih it-Tribunal, l-appellat qal ukoll li dan huwa bbażat fuq interpretazzjoni ta' fatti u mhux fuq punt ta' liġi. Żied jgħid li l-liġi speċjali applikabbli mkien ma tipprovdi regoli fissi dwar kif għandu jiġi kkomputat il-kumpens li għandu jitħallas f'każijiet bħal dawn. L-appellat żied jgħid ukoll li filwaqt li t-Tribunal ma kienx obbligat li jagħti raġunament dettaljat dwar kif ikkomputa l-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, il-motivazzjoni mogħtija minnu għandha titqies bħala waħda suffiċjenti, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-konklużjonijiet li

wasal għalihom it-Tribunal. L-appellat qal li l-ammont pretiż minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnu, huwa ferm ogħla mill-ammont ta' kumpens li ġie llikwidat favur tiegħu mit-Tribunal, iżda xorta waħda jirriżulta li t-Tribunal ikkonsidra diversi fatturi u l-provi ppreżentati fil-proċeduri li nżammu quddiemu sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu.

## **Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, flimkien mar-risposti mogħtija mill-appellat u l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma minnu, u dan fid-dawl tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal, li qiegħda tiġi attakkata permezz ta' dan l-appell. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellat dwar il-validità tal-appell. L-appellat jgħid li dan l-appell huwa null stante li fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jagħmel riferiment għal deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fil-5 ta' Jannar, 2020. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-4 ta' Marzu, 2020, l-appellant talab korrezzjoni tad-data indikata minnu fir-rikors tal-appell u qal li dan l-iżball tiegħu kien frott ta' *lapsus calami.* L-appellant sostna wkoll li tali korrezzjoni ma tbiddilx is-sustanza tal-appell f'dan il-każ, u dan l-iżball manifest ma bidel xejn mill-jedd tal-appellat li jiddefendi ruħu għall-aggravji sollevati mill-appellant, stante li mill-kumplament tar-rikors tal-appell jirriżulta ċar liema hija d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali li qiegħed jiġi intavolat appell

minnha. Il-Qorti kkonsidrat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175(2) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

> "Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti li f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata."

F'dan il-każ l-iżball tal-appellant huwa fid-data tas-sentenza appellata, li ngħatat fil-5 ta' Frar, 2020 u mhux fil-5 ta' Jannar, 2020. Il-Qorti tqis li dan kien żball ġenwin, *lapsus calami* evidenti, stante li normalment il-5 ta' Jannar ta' kull sena jaqa' perijodu ta' vaganzi li fih ma jsirux seduti tat-Tribunali, u għalhekk il-Qorti qiegħda taċċetta li dan kien żball li jista' jiġi kkoreġut. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) f'deċiżjoni tat-30 ta' Mejju, 2014, fl-ismijiet **Anton Cachia *vs.* Edwin Formosa**, tali korrezzjonijiet kienu anke ammessi fid-Dritt Ruman, skont il-massima *actore verba emendare, tenore sententiae perseverante, non est prohibitum.*

Il-Qorti tqis li t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-appellat, dwar l-irritwalità o meno ta' dan l-appell, għax skont l-appellat dan l-appell mhux ibbażat fuq punt ta' liġi iżda fuq punt ta' fatt, bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452, li jgħid li appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' liġi u mhux fuq punt ta' fatt. Il-Qorti tirrileva li ż-żewġ aggravji ċċitati mill-appellant huma t-tnejn ibbażati fuq punti ta' liġi, u għalhekk ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant.

*L-ewwel aggravju:* *dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju 'culpa in eligendo' għall-każ odjern*

L-appellant jgħid li t-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li kien hemm element ta' *culpa in eligendo* fl-għażla tal-appellat sabiex jagħmel ix-xogħol mogħti lilu mill-appellant, u spjega li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda istantaneja, iżda waħda li segwiet diversi twissijiet bil-miktub li ngħataw lill-appellat fuq medda ta' xhur. Intqal li l-appellat kien jillarga minn fuq il-post tax-xogħol mingħajr ma javża lil ħadd, kien jirrifjuta li jagħmel ċertu xogħol, u dan meta huwa kien jingħata xogħol li kien eħfef mix-xogħol li kien jingħata ħaddieħor. L-appellant qal li minkejja dawn il-fatturi kollha, xorta waħda l-appellat kien juri nuqqasijiet fil-prestazzjoni tiegħu waqt ix-xogħol, u minkejja t-twissijiet bil-miktub li kien jingħata, la qatt ikkontesta dawn it-twissijiet u lanqas ma tejjeb il-prestazzjoni tiegħu.

Il-Qorti kkonsidrat li l-appellat ġie impjegat bħala *handyman* jew *labourer* mal-konvenut, u għal numru ta' snin dan intalab jagħmel diversi xogħlijiet fl-Isptar Mater Dei. Minn dak li qalu diversi mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti, jirriżulta li fost ix-xogħlijiet li kien jintalab jagħmel l-appellat kien hemm xogħol li għalih huwa meħtieġ taħriġ speċifiku fis-sengħa, bħalma hu xogħol ta' tqegħid ta' madum, installazzjoni ta' bibien u xogħol simili. Kien hemm drabi fejn l-appellat kien jitqabbad jagħmel xogħol ta' kisi u tibjid, u drabi oħra fejn intalab imur jagħmel xogħol fi stabbilimenti privati. Jirriżulta li wieħed mill-aħħar inkarigi li ngħata l-appellat waqt il-qadi ta' dmirijietu mal-

konvenut kien jinvolvi l-irfigħ ta' ammont ta' kaxxi tal-madum, liema xogħol l-appellat irrifjuta li jagħmel, kemm għaliex xi żmien qabel kien sofra minn attakk f'qalbu, kif ukoll għaliex qatt ma ngħata taħriġ speċifiku dwar kif għandu jqandel ċerti piżijiet sabiex jaċċerta ruħu li ma jweġġax u saħħtu tkun imħarsa. L-appellant jgħid li t-twissijiet li ħareġ lill-appellat ma nħarġux għax dan ma kienx qiegħed jagħmel ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti, iżda għax l-appellat kien qiegħed imur lura fil-prestazzjoni tiegħu fuq ix-xogħol, bi skartar u telf ta' ħin u b'xogħol li mhux ta' kwalità. Mill-provi jirriżulta li minkejja li l-appellat kien ilu impjegat mal-appellant għal aktar minn sitt snin, kien biss fl-2014 li l-appellant ħass il-ħtieġa li joħroġ twissijiet formali fil-konfront tiegħu u jammonieh dwar dik li ġiet deskritta bħala "*underperformance*". Fil-proċeduri quddiem it-Tribunal imkien ma nġabu provi dwar l-iskartar da parti tal-appellat, għajr għall-fatt li l-mara tiegħu kkonfermat bil-ġurament li hija wkoll kienet taħdem fl-Isptar Mater Dei bħala *carer* u għalhekk ġieli kienet tiltaqa' mar-raġel tagħha fuq il-post tax-xogħol. Il-ħaddiema tal-konvenut li xehdu quddiem it-Tribunal, ilkoll iddeskrivew ix-xogħol li kien jagħmel l-appellat bħala xogħol li għalih tinħtieġ sengħa jew almenu xi forma ta' taħriġ bħal xogħol ta' tibjid, tqegħid ta' madum, installazzjoni ta' bibien u xogħol simili, li trid tkun aktar minn sempliċiment *handyman* biex tagħmlu. Jirriżulta li minkejja l-allegazzjonijiet dwar l-imġiba tal-appellat fuq il-post tax-xogħol tiegħu, ma nġabet l-ebda prova li dan kien iqatta' ħin sostanzjali fil-preżenza ta' familjari tiegħu, u jirriżulta wkoll li l-mara tiegħu kienet taħdem l-isptar madwar sitt ijiem biss fix-xahar. Ebda prova oħra ta' episodji ta' skartar ma

nġabet quddiem it-Tribunal. Il-Qorti ssibha diffiċli wkoll temmen li kien hemm diriġenti tas-soċjetà Mekanika li lmentaw dwar ix-xogħol tal-appellat, meta jirriżulta mill-provi li xi xhur wara t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg mal-appellant, l-appellat ġie impjegat direttament mal-kumpannija Mekanika. Kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, jirriżulta li f'żewġ istanzi oħra l-appellat tilef xogħlu minħabba li min kien iħaddmu ma kellux biżżejjed xogħol għalih, u mhux għaliex tkeċċa għal raġunijiet dixxiplinarji. Il-Qorti tqis li r-raġuni li wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, kienet ir-rifjut tiegħu li jqandel ammont ta' kaxxi tal-madum, u dan meta f'dak iż-żmien l-appellat kien diġà qiegħed isofri minn problemi ta' saħħa. Fix-xhieda mogħtija mill-appellant quddiem it-Tribunal intqal li l-fatt li l-appellat żviluppa problemi f'saħħtu kien problematiku għall-appellant, li ried jara jekk setax iżomm lill-appellat impjegat miegħu minħabba l-problemi li żviluppa f'saħħtu. Il-Qorti tqis li l-appellant ma kienx ġustifikat jiċċita '*underperformance*' bħala raġuni għalfejn keċċa lill-appellat mill-impjieg, partikolarment għaliex jirriżulta li l-appellat kien kontinwament qiegħed jitqabbad jagħmel xogħol li ma kienx kapaċi jagħmlu mil-lat ta' sengħa u taħriġ, u anki minħabba saħħtu. Jirriżulta wkoll li kien hemm drabi meta l-appellant ippretenda li l-appellat jagħmel biċċa xogħol mingħajr ma ta l-għodda meħtieġa għal dan lill-appellat. L-appellant argumenta li l-prinċipju tal-*culpa in eligendo* ma jsibx applikazzjoni għaċ-ċirkostanzi odjerni, minħabba li din mhix kwestjoni ta' delitt jew kważi-delitt, fejn l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju kienet tkun applikabbli, iżda r-relazzjoni

bejn il-partijiet kienet ġejja mill-fatt li kien hemm relazzjoni ta’ impjieg u għalhekk kien hemm relazzjoni kontrattwali bejniethom.

Iżda l-Qorti tqis li d-deċiżjoni tat-Tribunal li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta, ma kinitx ibbażata fuq il-prinċipju tal-*culpa in eligendo,* jew fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1037 tal-Kap. 16. It-Tribunal ikkonsidra li l-appellat kien ġie ingaġġat bħala *labourer,* fejn ma kellu l-ebda sengħa jew ħila speċifika, imma fuq il-post tax-xogħol kien kontinwament jingħata inkarigi li la kellu taħriġ u lanqas sengħa li jwettaq. Kien f’dan is-sens, u fid-dawl tal-fatt li l-appellant qal li waħda mir-raġunijiet li wasslitu biex jittermina l-impjieg tal-appellat kienu l-ilmenti li saru minn Mekanika, li t-Tribunal esprima l-fehma li f’dak il-każ, jiġifieri fejn kien hemm ilmenti minn terzi dwar il-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-appellat, kellu jġorr responsabbilità l-appellant, bħala d-datur tax-xogħol, għall-fatt li kien qabbad persuna tagħmel xogħol li ma kellux għalfejn jaħseb li kellu l-ħila li jagħmel. Kien quddiem l-ilment tal-appellant li ma kienx sodisfatt bix-xogħol tal-appellat, partikolarment fid-dawl tal-ilmenti li kienu qegħdin isiru minn terzi, li t-Tribunal tefa’ r-responsabbilità għall-għażla tal-appellat biex jagħmel ċertu xogħol lura fuq l-appellant. Bl-ebda mod iżda ma jista’ jintqal li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal kienet imsejsa fuq il-kunċett tal-*culpa in eligendo.* Għall-kuntrarju, it-Tribunal staqsa jekk hux ġustifikat li ħaddiem, f’dan il-każ l-appellat, jiġi kkastigat għaliex meta ġie mogħti doveri li ma kellux il-ħila jwettaq, u mingħajr qatt ma ngħata xi forma ta’ taħriġ, dan għamel xogħol li ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Kien f’dan il-

kuntest li t-Tribunal qal li r-responsabbilità għall-kwalità tax-xogħol ipprestata mill-appellat kellha tinġarr mill-appellant, għaliex jekk l-għażla tal-appellat saret meta l-appellant kien diġà jaf li kien ser ikollu bżonn ħiliet speċifiċi skont it-termini tal-ingaġġ li ngħata bħala sub-appaltatur, l-appellant m'għamilx għażla tajba meta għażel bniedem li mhux tas-sengħa għax-xogħol. Għalhekk il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq u qiegħed jiġi miċħud.

*It-tieni aggravju: nuqqas ta' applikazzjoni tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452*

It-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-fatt li t-Tribunal naqas milli jagħti l-motivazzjoni tiegħu għall-kwantifikazzjoni tal-kumpens li t-Tribunal stabbilixxa li għandu jitħallas lill-appellat. M'hemmx dubju li l-ilment tal-appellant dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens bil-mod li trid il-liġi huwa punt ta' liġi peress li l-appellant qiegħed jilmenta li t-Tribunal ma applikax il-liġi b'mod korrett. L-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 jispeċifika illi:

> "Meta, fuq ilment magħmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb –
>
> (a) F'każ ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impjieg jew biex jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija. Iżda meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra,

inklużi l-età u s-snajja' tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem."

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ntqal minn din il-Qorti diversament preseduta fid-sentenza fl-ismijiet **Publius Davison *vs.* De La Rue Currency and Security Print Limited**, tat-23 ta' April, 2018, fejn intqal:

"... Ir-rikorrent tkeċċa inġustament u għandu jedd li jirċievi kumpens li jkun jirrifletti t-telf li sofra b'konsegwenza tad-deċiżjoni ħażina li ħa l-prinċipal. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn każijiet ta' tkeċċija inġusta għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti minn każijiet oħrajn fejn l-attur ikollu l-jedd jippretendi d-danni. Il-liġi hi ċara dwar dak li t-Tribunal għandu jikkunsidra meta jillikwida l-kumpens u meta t-Tribunal ikun qiegħed jeżerċita d-diskrezzjoni għandu jispjega b'mod ċar u li jiftiehem kif u għalfejn ikun illikwida s-somma li jikkundanna lill-prinċipal iħallas. Id-diskrezzjoni ma jfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun. Fejn ikun hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, allura għandu jedd jippretendi t-telf li jkun sofra.

Ovvjament min-naħa l-oħra t-Tribunal għandu wkoll jieħu in konsiderazzjoni ċirkostanzi bħad-danni tal-impjegat li jimmitiga t-telf u kontributorjetà fil-kondotta li tkun wasslet għat-tkeċċija. Hawn tidħol id-diskrezzjoni. Hu fatt li t-Tribunal għandu d-diskrezzjoni però din trid tkun eżerċitata b'mod raġonevoli u li tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u d-deċiżjoni tkun motivata."

Il-Qorti tqis li f'dan ir-rigward huwa minnu li d-deċiżjoni appellata fir-rigward tal-kumpens li għandu jiġi likwidat favur l-appellat, hija nieqsa minn kull motivazzjoni, u minkejja li l-ammont huwa anqas minn dak li ppretenda li għandu jitħallas lilu l-appellat, it-Tribunal għandu l-obbligu jispjega l-mod kif wasal sabiex jikkomputa l-kumpens li stabbilixxa li għandu jitħallas lill-appellat. In vista ta' dan in-nuqqas, il-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali, sabiex tingħata spjegazzjoni dettaljata dwar il-mod kif ġie

kkomputat il-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, u dan filwaqt li tikkonferma l-kumplament tad-deċiżjoni appellata.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi:**

1) **Tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant;**
2) **Tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-appellat.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**